MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 52/2003

Il-Pulizija
(Spettur A. Miruzzi)
Vs

Peter Abdilla

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1) Fil-granet qabel is-7 ta’ Novembru, 2002 fl-inhawi ta’ Bir Miftuh xjentement jew b’negligenza, nuqqas ta’ hila jew ta’ osservanza ta’ regolamenti kkaguna dannu lil jew qered propjeta’ kulturali sew jekk tali propjeta’ kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata, f’xi inventarju skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali Kap. 445 u kemm jekk is-sid ta’ tali propjeta’ ta’ patrimonju kulturali jkun il-persuna li

tkun ikkagunat il-hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qeghda tamministraha b'mod legittimu, u dan bi ksur tal-Kap. 445 Art. 53(1)(a) tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Fl-istess zmien, post u cirkostanzi ghamel xi attivita' jew inkella agixxa bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali Kap. 445 jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew tal-kondizzjonijiet ta' licenzja jew permess mahrug taht dan l-Att jew naqas milli jaghmel xi haga li tkun mehtiega li taghmel taht dan l-Att, regolamenti jew licenzja u dan bi ksur tal-Kap. 445 Art. 53(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Fl-istess zmien, post u cirkostanzi ghamel xi zvilupp minghajr permess ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dan bi ksur tal-Kap. 356 Art. 30 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2003, li biha, wara li rat l-artikoli 53(1)(a), 53 (1)(b) tal-Kap. 445 u l-artikolu 30 tal-Kap. 356, l-artikolu 9 tal-Kap. 152 kif ukoll l-artikolu 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati, w illiberatu b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur, kif ukoll ordnat li jhallas li spejjez tax-xogholijiet li jsiru taht is-sorveljanza tal-Awtoritajiet u jekk ma jaghmilx hekk ikollu jhallas multa ta' LM25 a tenur tal-artikolu 53 (2) tal-Kapitolu 445 u l-artikolu 56 (2) tal-Kapitolu 356.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 t'April, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih, u fejn ordnat li x-xogholijiet mehtiega jsiru taht is-sorveljanza tal-Awtoritajiet a spejjez tal-hati, u jekk hekk ma jsirx, bil-kundanna tal-hlas tal-multa ta' Lm25 a tenur tal-artikolu 53(2) tal-Kapitolu 445 u l-artikolu 56(2) tal-Kapitolu 356, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur minn dik id-data, u minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi bil-mod kif indikat aktar il-fuq.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali fil-qosor jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti applikat il-ligi hazin meta giet biex tinfliggi l-piena fuq l-appellat u dana ghaliex l-Ewwel Qorti nvokat u applikat l-artikolu 9 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta biex illiberat lill-appellat taht kondizzjoni , meta l-artikolu 56 (4) tal-Kap. 356 kien jimpediha milli taghmel dan u minnflok kellha tghaddi biex timponi piena pekunjarja jew karcerarja , jew it-tnejn flimkien bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) u (c) tal-Kap.9 .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xiehda ta' Mark Anthony Mifsud, l-addett tad-Dipartiment tal-Muzew , li xehed li x-xoghol ta' ripristinazzjoni kien proprju beda lejliet l-ewwel seduta tal-appell u li ghalkemm xehed li l-appellat kien wera rieda tajba biex iregga lura dak li kien ghamel u b'hekk ikun ikkonforma ruhu mal-ligi w mas-sentenza tal-Ewwel Qorti , pero' dak in-nhar ma setax jikkonferma li x-xoghol kien tlesta.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni w tad-difiza ;

Rat il-verbal li bih Dottoressa Yana Micallef Stafrace , ghall-appellat, irrimettiet ruha ghat-talba tal-prosekuzzjoni , pero' in vista tal-fatt li x-xoghol tar-ripristinazzjoni diga beda' u , kif xehed Mark Anthony Mifsud, l-appellat kien qed juri rieda tajba biex ilesti x-xoghol , issottomettiet li l-piena ghandha tkun fl-inqas grad possibbli skond il-ligi.

Ikkonsidrat ;

Illi l-appellat, fuq ammissjoni, kien instab hati kemm ta' reati kontemplati fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 356) kif ukoll taht l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445) . Issa fil-waqt li skond din l-ahhar ligi , idejn il-Qorti ma humiex marbuta meta tigi biex tapplika l-piena w ghaldaqstant hija libera li tapplika kemm l-artikolu 21 tal-Kap.9 biex taghti piena taht il-minimu preskritt bil-ligi f'kaz li jkun hemm cirkostanzi specjali jew straordinarji kif ukoll libera li (dak iz-zmien ) tapplika xi wiehed mill-

provvedimenti taht-Kap.152, mhux l-istess taht il-Kap. 356;

Di fatti l-artikolu 56 (4) tal-Kap. 356 jghid car u tond li l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali w d-dispozizzjonijet ta' l-Att Dwar il-Probation tal-Hatjin m'ghandhomx japplikaw ghar-reati li jissemmew fl-istess artikolu . L-appellat kien proprju akkuzat u gie misjub hati taht l-artikolu 56 (1) (a) u cioe' talli ghamel xi zvilupp fuq xi art minghajr permess ghall-izvilupp , fejn il-piena preskritta hija dik tal-multa ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn hamsin elf lira .

Ghalhekk l-Ewwel Qorti fil-waqt li setghet tapplika l-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap.152 ghall-ksur tal-ligi w htija tar-reati li jaqghu taht il-Kap. 445 , kienet tenuta li tapplika l-piena pekunjarja fuq imsemmija b'mod li ma tinzilx taht il-minimu ta' hames mitt lira.

Ghaldaqstant l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat in kwantu dan jolqot il-piena nflitta fir-rigward tat-tielet imputazzjoni biss u cioe' dik li taqa' taht l-artikolu 56 tal-Kap. 356 izda mhux ukoll ghar-rigward tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fil-kaz tal-ewwel zewg imputazzjonijiet li jaqghu taht il-Kap. 445.

Ikkonsidrat li l-appellat kien diga ntraprenda x-xogholijiet ta' ripristinazzjoni necessarji w kien jidher li qed juri rieda tajba li jikkonforma ruhu mas-sentenza appellata w konsegwentement hu l-kaz li l-piena pekunjarja tigi applikata fil-minimu taghha fic-cirkostanzi .

Ghal dawn il-motivi qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena ghat-tielet imputazzjoni w tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha fejn applikat il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 ukoll ghall-ksur tal-ligi kontemplat fit-tielet imputazzjoni w, minnflok , wara li rat l-artikolu 56 (1) tal-Kap.356 , tikkundanna lill-appellat ghall-piena minima presktitta bil-ligi ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u tikkonfermaha fir-rigward tal-kumplament , inkluz fejn

applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap.152 ghall-ksur tal-ligi kontemplat fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------